MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2015

Numru. 1046/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Richard Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Richard Spiteri detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 294472M

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Settembru 2005, gewwa Triq Guseppi Demicoli, San Pawl il-Bahar ghal habta ta' nofs il-lejl (23.45 hrs),

a) Kiser il-mistrieh tan-nies b'ghajjat
b) Hedded lil Paul Aquilina bi kliem
c) F'lok pubbliku saq vettura waqt li kien taht l-influenza tax-xorb alkoholiku
d) Bla hsieb li jisraq u/jew li jghamel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li ppretenda li kellu fixkel lil Paul Aquilina
e) U fl-ahhar talli volontarjament hassar u/jew ghamel hsara lil vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 254 ghad-detriment ta' Paul Aquilina, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00).

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li sa mill-ewwel seduta, cioe dik tat-3 ta' Marzu 2006, l-avukat difensur eccepixxa in linea preliminari l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem.*

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha rigward din l-eccezzjoni preliminari;

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza fuq din l-eccezzjoni preliminari.

Rat li l-prosekuzzjoni giet moghtija diversi opportunitajiet minn din il-Qorti sabiex taghmel is-sottomissjonijiet taghha fuq din l-eccezzjoni preliminari, jew oralment jew bil-miktub, imma dan nonostante l-prosekuzzjoni baqghet inadempjenti.

Rat is-sentenza taghha tat-3 t'Ottubru 2014, fejn wara li rat l-Artikolu 527 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ddikjarat li hemm l-ostakolu tal-gudikat fil-konfront tal-imputazzjonijiet 'a', 'b', 'c' u 'd' u illiberat lill-imputat minnhom, iddikjarat li m'hemmx l-ostakolu tal-gudikat fil-konfront tal-imputazzjoni 'e', u ghaldaqstant ordna l-prosegwiment ta' dawn il-proceduri kriminali skont il-ligi kontra l-imputat limitatament fil-konfront tal-imputazzjoni 'e'.

Rat li l-kawza giet differita ghal provi tal-prosekuzzjoni fuq l-imputazzjoni 'e' fic-citazzjoni.

Fis-seduta tal-15 t'April 2015, il-Qorti semghet ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi, fejn qal li kien ikkuntattja lill-kwerelant Paul Aquilina li infurmah li m'ghadx ghandu iktar interess f'dawn il-proceduri u li ma jridx jidher il-Qorti. L-Ispettur iddikjara wkoll li apparti l-kwerelant, m'ghandux provi ohra.

Fl-istess seduta, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li in vista tax-xhieda moghtija minnu llum, il-prosekuzzjoni m'ghandhiex provi.

Fl-istess seduta l-imputat irrifjuta li jigi assistit minn avukat u dan anke wara li l-Qorti informatu li jekk m'ghandux mezzi finanzjarji tqabbadlu avukat tal-ghajnuna legali.

Fl-istess seduta l-imputat iddikjara li m'ghandux provi x'jipproduci.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda provi fuq l-imputazzjoni 'e' fic-citazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal din ir-raguni, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni ‘e’ fic-citazzjoni u qed tilliberah minnha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------